



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6607/22

LIMITE

CORLX 172
CFSP/PESC 251
CONOP 9
CODUN 2
ATO 11

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL il-promozzjoni tan-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**il-promozzjoni tan-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni
indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (l-"Istrateġija tal-UE għan-Nonproliferazzjoni tal-AQM"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri li jridu jittieħdu kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.
- (2) L-Unjoni qed timplimenta l-Istrateġija tal-UE għan-Nonproliferazzjoni tal-AQM b'mod attiv u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, bħall-iżvilupp tal-istrutturi meħtieġa fl-Unjoni.
- (3) Fit-8 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu u dokument intitolat "Linji ta' azzjoni ġodda mill-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom" (il-"Linji ta' Azzjoni Ġodda"), li jiddikjara li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva ("AQM") tkompli tikkostitwixxi waħda mill-akbar sfidi għas-sigurtà u li l-politika tan-nonproliferazzjoni tikkostitwixxi parti essenzjali mill-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni (PESK).
- (4) Fil-Linji ta' Azzjoni Ġodda, il-Kunsill jappella lill-formazzjonijiet u lill-korpi kompetenti tal-Kunsill, lill-Kummissjoni, lil istituzzjonijiet oħra u lill-Istati Membri biex jagħtu segwitu konkret lil dak id-dokument.

- (5) Fil-Linji ta' Azzjoni Ġodda, il-Kunsill jenfasizza li l-azzjoni tal-Unjoni biex tiġi evitata l-proliferazzjoni tista' tibbenefika mill-appoġġ iprovdut minn netwerk għan-nonproliferazzjoni mhux governattiv, li jlaqqa' flimkien lill-istituzzjonijiet ta' politika estera u ċ-ċentri ta' riċerka li jispeċjalizzaw fl-oqsma strateġiċi tal-Unjoni waqt li jibni fuq netwerks utli li diġà jeżistu. Network bħal dan jista' jiġi estiż għal istituzzjonijiet f'pajjiżi terzi.
- (6) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom, intitolata "Is-sigurtà tal-armi, niproteġu liċ-ċittadini" ('l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW'). L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW issostitwixxiet l-istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u l-munizzjoni tagħhom, li ġiet adottata fl-2005. Is-SALW ikompli jikkontribwixxu għall-instabbiltà u l-vjolenza fl-Unjoni, fil-viċinat immedjat tagħha u fil-bqija tad-dinja. L-armi żgħar illeċiti qegħdin iqanqlu l-vjolenza bl-armi u l-kriminalità organizzata, kif ukoll it-terroriżmu globali u l-konflitti, u qed ixekklu l-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi tal-ġestjoni ta' kriżijiet. Dawn jiddistabilizzaw reġjuni sħaħ, kif ukoll l-Istati u s-soċjetajiet tagħhom, u jżidu l-impatt ta' attacchi terroristiċi. Huwa għalhekk li l-Kunsill huwa impenjat li jipprevjeni u jrażżan il-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom u qed jippromwovi l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ legali tagħhom.. L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tqis il-kuntest ta' sigurtà li evolviet, inkluż it-theddid tat-terroriżmu ġewwa l-Unjoni u l-iżviluppi fid-disinn u t-teknoloġija tal-SALW li jaffettwaw il-kapaċità tal-gvernijiet li jindirizzaw it-theddid. Hija tqis ukoll il-prinċipji ta' gwida tal-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016.

- (7) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/430/PESK¹, li stabbiliet in-network Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u pprevediet li l-implimentazzjoni teknika ta' dik id-Deċiżjoni għandha ssir mill-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni (il-"Konsorzju").
- (8) L-għażla tal-Konsorzju bħala benefiċjarju waħdieni ta' għotja ta' flus f'dan il-każ hija ġustifikata minħabba r-rieda tal-Unjoni, kif appoġġata mill-Istati Membri tagħha, li tkompli l-kooperazzjoni produttiva tagħha man-network Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni, li qed jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kultura Ewropea komuni rigward in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, kif ukoll li qed jgħin lill-Unjoni tiżviluppa u ssawwar il-politika tagħha f'dawn l-oqsma u żżid il-viżibbiltà tal-Unjoni. In-natura stess tal-Konsorzju, li jaf l-eżistenza tiegħu lill-Unjoni u li jiddependi kompletament fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jirrendi neċessarju finanzjament ta' 100 % f'dan il-każ. Il-Konsorzju ma għandu l-ebda riżorsi finanzjarji indipendenti jew awtorità legali li jiġbor aktar fondi. Barra minn hekk, il-Konsorzju stabbilixxa network, ġestit minn sitt gruppi ta' riflessjoni, li jiġbor flimkien aktar minn 100 grupp ta' riflessjoni, ċentri ta' riċerka u dipartimenti universitarji, li jgħaqqad kważi l-għarfien espert mhux governattiv kollu dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm fl-Unjoni, inklużi entitajiet fl-Istati Membri kollha.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/430/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi network Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in- nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 202, 4.8.2010, p. 5).

- (9) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/129/PESK¹, li estendiet għal 3 snin il-promozzjoni kontinwa u l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni tal-attivitajiet tan-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u fdat lill-Konsorzju bl-implimentazzjoni teknika ta' dik id-Deċiżjoni.
- (10) Fit-3 ta' April 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/632², li tipprevedi l-estensjoni tat-tul ta' żmien tad-Deċiżjoni 2014/129/PESK sabiex tkun tista' titkompla l-implimentazzjoni tal-attivitajiet sat-2 ta' Lulju 2017.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/129/PESK tal-10 ta' Marzu 2014 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 3).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/632 tat-3 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda massiva (ĠU L 90, 4.4.2017, p. 10).

- (11) Fl-4 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1195¹, li testendi l-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/129/PESK mit-3 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2017 biex tippermetti l-organizzazzjoni ta' konferenza annwali ewlenija waħda dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm fl-2017 kif ukoll għaż-żamma u l-aġġornament kontinwi tal-pjattaforma tal-internet tal-Konsorzju.
- (12) Fis-26 ta' Frar 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/299², li estendiet għal 3 snin il-promozzjoni kontinwa u l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni tal-attivitajiet tan-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u fdat lill-Konsorzju bl-implimentazzjoni teknika ta' dik id-Deċiżjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1195 tal-4 ta' Lulju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/129/PESK li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 172, 5.7.2017, p. 14).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/299 tas-26 ta' Frar 2018 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 46).

- (13) Fis-16 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/648¹, li testendi l-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 sas-17 ta' Mejju 2022 minħabba sfidi ta' implimentazzjoni li jirriżultaw mill-pandemija kontinwa tal-COVID-19,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/648 tas-16 ta' April 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/299 li tippromwovi n-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (ĠU L 133, 20.4.2021, p. 57)..

Artikolu 1

1. Għall-finijiet ta' kontribut għall-implimentazzjoni mtejba tal-Istrateġija tal-UE dwar in-Nonproliferazzjoni tal-AQM, u l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, li huma bbażati fuq il-prinċipji ta' multilateraliżmu, prevenzjoni u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-promozzjoni u l-appoġġ kontinwu tal-attivitajiet tan-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm huma b'dan estiżi sabiex jissaħħu l-objettivi li ġejjin:
 - (a) l-inkoraġġiment ta' djalogu politiku u dak relatat mas-sigurtà u d-diskussjoni fuq perijodu fit-tul dwar miżuri li jiġġieldu l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom fis-soċjetajiet ċivili u, b'mod partikolari, fost l-esperti, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi;
 - (b) tingħata lil dawk li jipparteċipaw fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill l-opportunità li jikkonsultaw in-netwerk dwar kwistjonijiet relatati man-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, u biex jippermettu lir-rappreżentanti tal-Istati Membri jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Konsorzju;

- (c) il-kostituzzjoni ta' pass 'il quddiem siewi fl-azzjoni ta' nonproliferazzjoni u diżarm mill-Unjoni u l-komunità internazzjonali, b'mod partikolari billi jingħataw rapporti u/jew rakkomandazzjonijiet lir-rappreżentanti tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"RGħ");
- (d) il-kontribut għal aktar sensibilizzazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar l-isfidi tal-proliferazzjoni u d-diżarm u tal-ħtieġa li jaħdmu f'kooperazzjoni mal-Unjoni u fil-kuntast ta' fora multilaterali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, sabiex jiġu evitati, skoraġġuti, imwaqqfa u, fejn possibbli, eliminati programmi ta' proliferazzjoni li huma ta' tħassib għad-dinja kollha;
- (e) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għarfien espert u kapaċità istituzzjonali fi kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni u diżarm fi gruppi ta' riflessjoni u gvernijiet fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, inkluż billi jsaħħaħ l-edukazzjoni dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, iqajjem kuxjenza dwar dawk il-kwistjonijiet fost il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh, u jippromwovi l-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi u Prattikanti f'dan il-qasam, speċjalment in-nisa, u fix-xjenzi naturali u tekniċi.

2. Il-proġetti li jridu jiġu appoġġati mill-Unjoni għandhom jinkludu l-attivitajiet speċifiċi li ġejjin:
- (a) l-għoti ta' mezzi biex isiru konferenzi prinċipali annwali ma' pajjiżi terzi u mas-soċjetà ċivili dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm biex jiġu diskussi u identifikati aktar miżuri għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna taġġhom u objettivi marbuta ta' diżarm, kif ukoll biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-armi konvenzjonali, fosthom il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW u l-munizzjon taġġhom. Il-konferenzi ser jipromwovu internazzjonalment ukoll l-Istrateġija tal-UE għan-Nonproliferazzjoni tal-AQM u l-Istrateġija tal-UE għas-SALW, u r-rwol, f'dan il-qasam, tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-gruppi ta' riflessjoni fl-Unjoni, bil-ħsieb li tiżdied il-viżibbiltà tal-politika tal-Unjoni f'dan il-qasam u li jitressqu rapporti u/jew rakkomandazzjonijiet quddiem ir-rappreżentanti tar-RGħ;
 - (b) l-għoti ta' mezzi għall-organizzazzjoni ta' laqgħat konsultattivi annwali bejn ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, rappreżentanti tal-Istati Membri u esperti biex jaqsmu bejniethom fehmiet dwar kwistjonijiet prinċipali u żviluppi kritiċi fl-oqsma tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi bil-ħsieb li jitressqu rapporti u/jew rakkomandazzjonijiet lir-rappreżentanti tar-RGħ;

- (c) l-għoti ta' mezzi għall-organizzazzjoni ta' seminars ad hoc għal esperti u prattikanti dwar il-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni u diżarm, li jkopru kemm armi konvenzjonali kif ukoll dawk li mhumiex, bil-ħsieb li jitressqu rapporti u/jew rakkomandazzjonijiet quddiem ir-rappreżentanti tar-RGħ;
- (d) il-provvediment ta' mezzi għat-tnejn u l-pubblikazzjoni ta' dokumenti ta' politika li jkopru suġġetti fil-mandat tal-Konsorzju u jippreżentaw opzjonijiet politiċi u/jew dawk ta' politiki operazzjonali;
- (e) l-għoti ta' mezzi biex titqajjem kuxjenza, edukazzjoni u jiġi żviluppat għarfien expert u ħila istituzzjonali fil-qasam tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm fi gruppi ta' riflessjoni u gvernijiet fl-Unjoni u pajjiżi terzi permezz ta':
- il-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' kors ta' taġlim online li jkopri l-aspetti rilevanti kollha tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm;
 - it-twaqqif ta' internships dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm għal studenti gradwati jew diplomatiċi żgħażaġħ mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi,
 - il-kontinwazzjoni tal-Inizjattiva Nisa Żgħażaġħ u tal-Ġenerazzjoni li Jmiss u l-Programm ta' Mentoraġġ,

- l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju annwali fi Brussell għall-parteċipanti fil-programm ta' Boroż ta' Studju tan-NU dwar id-Diżarm sabiex jiġu promossi u tizzied il-viżibbiltà tal-politiki tal-UE fl-oqsma tan-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi;
 - l-organizzazzjoni ta' kors ta' taħriġ biex titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji tal-proliferazzjoni, inkluż dawk li jirriżultaw mill-iżviluppi tax-xjenza u t-teknoloġija, fost l-istudenti tax-xjenzi naturali;
- (f) l-għoti ta' mezzi għal aktar manutenzjoni, amministrazzjoni u żvilupp ta' pjattaforma tal-Internet u kontijiet fuq in-netwerks soċjali relatati biex jiġu ffaċilitati kuntatti, jiġi pprovdut forum uniku għar-riċerka Ewropea dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, jiġi promoss in-netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, tintlaħaq il-komunità globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm u jiġu promossi l-offerti edukattivi tal-Konsorzju kemm fir-rigward ta' korsijiet ta' taħriġ fuq il-post kif ukoll fir-rigward ta' taħriġ online.

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-RGħ għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mill-Konsorzju, magħmul mill-Fondation pour la recherche stratégique (FRS), il-Peace Research Institute Frankfurt (HSFK/PRIF), l-International Institute for Strategic Studies Europe (IISS-Europe), l-iStockholm International Peace Research Institute (SIPRI), l-International Affairs Institute (IAI) f'Ruma u l-Vienna Center for Disarmament and Non-Proliferation (VCDNP).. Il-Konsorzju għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal din il-fini, ir-RGħ għandu jidħol għall-arranġamenti meħtieġa mal-Konsorzju.
3. L-Istati Membri u s-Servizz Estern għall-Azzjoni Esterna għandhom jipproponu prijoritajiet u suġġetti ta' interess speċifiku għall-valutazzjoni fil-programmi ta' riċerka tal-Konsorzju, li għandhom jiġu indirizzati f'dokumenti ta' ħidma u seminars, f'konformità mal-politika tal-Unjoni.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti li jkopru l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 4 700 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont imniżżel fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal din il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' għotja mal-Konsorzju. Il-ftehim għandu jistipula li l-Konsorzju għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta skont id-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjijin mill-Konsorzju. Dawk ir-rapporti għandhom jiformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

[...]
